MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2011

Numru. 840/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Khalid Ali Omar ta' 24 sena` bin Ali u Ajxa nee` Saadi imwieled Palestina fis 16 ta' April 1987 u joqghod Hal Far Tent Centre detentur tal-karta ta' l-identita` b'numru 38509A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Khalid Ali Omar li gie:

1. Akkuzat talli fi 23 ta' Lulju 2011 ghal habta ta' 6.30pm u xi hin qabel, gewwa l-Knisja ta' Kristu Re Rahal Gdid li tinsab fi Pjazza Antoine De Paule bi kliem, b'gesti, b'kitba, stampata jew le, bi stampi jew b'mezz iehor

vizibbli, kasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta' Malta, inkella offenda r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozzjoni tar-religjon Kattolika Apostolika Rumana jew lit kun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon.

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi ma halliex li ssir jew fixkel funzjoni, cerimonja, jew servizz religjuz tar-Religjon Kattolika Apostolika Rumana jew ta' religjon ohra tollerata mil-ligi, illi jsiru bil-ghajnuna ta' ministru tar-religjon jew f'lok ta' qima jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku.

3. Akkuzat aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra fil-KJodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghad illi kien xurban , qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecent, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

5. U aktar talli fl-istess cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu; u waqt li kien f'dan l-istat dejjaq lin-nies fil-funjoni tal-Knisja ta' Rahal Gdid u f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer jew ghamel storbju.

6. U aktar talli fl-istess gurnata f'xi hinijiet qabel is-6.30pm, f'Rahal Gdid, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq telephone box ghad-

dannu tal-Go liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma hi izjed minn 116.47 Euros.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ghandu problema serja tal-vizzju tax-xorb li ghandha tigi indirizzata minnufih.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 163, 164, 165, 338(dd)(bb)(ff) u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zimen tlett snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti qed tordna lill-hati ihallas mitt euro (€100) ghad-danni sofferti u dan fi zmien xahrejn mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti flimkien din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Genrali skond il-ligi.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------